Dispożittiv

1) Billi ma stabbilixxietx u ma implementatx pjanijiet ta' akkoljenza u ta' tqandil ta' skart għall-portijiet kollha tagħha, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 5(1) u 16(1) tad-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Novembru 2000, dwar il-faċilitajiet ta' l-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija.

2) Ir-Repubblika tal-Finlandja hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) ta' l-4 ta' Ottubru 2007 — É.R. *et* vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni

(Kawża C-100/07 P)

"Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità — 'Enċefalopatija sponġiformi bovina' — Nuqqas ta' miżuri adegwati meħuda mill-Kunsill u mill-Kummissjoni sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-marda — Appell manifestament infondat"

1. Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet (It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 288 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 46) (Ara l-punt 27)

2. Appell — Aggravji — Aggravju kontra kunsiderazzjoni tas-sentenza li mhijiex neċessarja sabiex ikun iġġustifikat id-dispożittiv tas-sentenza — Aggravju irrilevanti (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 58) (Ara l-punt 40)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tat-13 ta' Diċembru 2006, É.R. *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-138/03), li biha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet bħala parzjalment inammissibbli u, għall-bqija, bħala infondat, ir-rikors tar-rikorrenti li għandu bħala suġġett talba għal kumpens taħt l-Artikoli 235 KE u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 288 KE għad-danni li sofrew minħabba l-kontaminazzjoni u l-mewt sussegwenti ta' membri tal-familji tagħhom li sofrew minn varjanti ġdida tal-marda Creutzfeldt-Jakob, li hija marbuta mad-dehra u t-tixrid fl-Ewropa ta' l-enċefalopatija spongiformi bovina, li għaliha huma responsabbli l-Kunsill u l-Kummissjoni — Kundizzjonijiet li fihom tirriżulta r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunitajiet.

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) É. R., O. O., J. R., A. R., B. P. R., T. D., J. D., D. D., V. D., D. E., É. E., C. R., H. R., M. S. R., I. R., B. R., M. R., u C. S. huma kkundannati għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Ottubru 2007 — Wilfer vs L-UASI

(Kawża C-301/05 P)

"Appell — Trade mark Komunitarja — Sinjal verbali 'ROCKBASS' — Reġistrazzjoni miċħuda — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni"

Trade mark Komunitarja — Proċeduri ta' appell — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 63) (ara l-punt 20 u d-dispożittiv)